VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 121, 9 ta' Awwissu, 2013
Taqsima B

A.L. 245 tal-2013

ATT DWAR L-ESTRADIZZJONI
(KAP. 276)

Ordni tal-2013 li jemenda l-Ordni dwar l-Estradizzjoni (Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, is-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2013 li jemenda l-Ordni dwar l-Estradizzjoni (Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja), u dan l-Ordni għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Estradizzjoni (Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". L.S. 276.08

Jemenda l-artikolu 6A tal-Ordni prinċipali.

2. L-artikolu 6A tal-Ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: "Allert taħt l-Artikolu 26 tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.";

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Dan l-artikolu japplika f'każ meta jinħareġ allert taħt l-Artikolu 26 tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen minn awtorità ta' pajjiż skedat."; u

(ċ) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Allert taħt l-Artikolu 26 hu dak l-allert li jinħareġ konformement mal-Artikolu 26 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II).".